**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-23 ta' Gunju, 2020**

**Kawza numru: 249/2018 AM**
**Numru fuq il-Lista: 03.**

**F Glanville Enterprises Limited (C8504)**
**87-89-91A**
**Ganu Street,**
**Birkirkara**
**Vs**
**Shopwise Development Limited**
**Shopwise**
**Mdina Road**
**Qormi**

It-Tribunal,

Illi permezz ta' digriet tas-07 ta' Awwissu 2018 a fol 28 kawza numru 248/2019 AM dan it-Tribunal ordnat li l-kawza tinstema kontestwalment mal-kawza numru 248/2018 AM li qed tigi deciza wkoll illum stess.

A fol 45 kawza numru 248/2019 AM l-avukati tal-partijiet ddikjaraw li l-provi li qed jitressqu f'din it-talba jkunu jghoddu wkoll ghal din il-kawza.

Ikkunsidra

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici fl-04 ta' Gunju 2018 li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi ordnata thallasha s-somma ta' tmien mija u erbgha ewro u tmienja u tletin centezmu (€804.38c) rapprezentanti bilanc tal-prezz ta' merkanzija li giet mibjugha u konsenjata lis-socjeta' konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li permezz taghha eccepiet preliminarjament il-konnessjoni tal-odjerni proceduri mal-proceduri 248/2018 istitwiti mis-socjeta' rikorrenti quddiem dan it-Tribunal kif diversament presedut u dan ghall-ispedizzjoni tal-odjerni proceduri stante li l-mertu u l-provi taz-zewg kawzi huwa wiehed simili; li l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici ma huwiex dovut u dan billi l-merkanzija mibjugha u konsenjata lilha saret a bazi ta' prezz pattwit bejn il-partijiet u kwalunkwe debitu fuq l-istess merkanzija thallas fis-shih ai termini ta' dak miftiehem.

Ra l-affidavit ta' Joseph Glanville fol 21 Direttur tas-socjeta' attrici li spjega li s-socjeta' tbiegh toiletries fuq bazi wholesale u li s-socjeta' konvenuta ilha klijenta taghhom numru ta' snin tixtri toiletries minghandhom fuq bazi wholesale. Qabel din il-kwistjoni qatt ma kien hemm problemi bejniethom u l-ordnijiet dejjem thallsu u kienet din l-invoice li fuqha qed issir din il-kawza li baqghet ma thallsitx. Wara diversi xhur li din l-invoice baqghet pendenti huwa ltaqa' ma' Malcolm Mintoff wiehed mid-Diretturi tas-socjeta' attrici u meta qallu li din l-invoice kienet ghadha pendenti huwa qallu li ried prezzijiet iktar baxxi fuq invoices futuri u huwa wiegbu li dan ma kienx possibbli. Il-hlas baqa' ma sarx u saret laqgha ohra mieghu u dakinhar kien hemm missier Malcolm li huwa Raymond Mintoff li huwa wkoll Direttur tas-socjeta' konvenuta u ftiehem mieghu li jbaxxi l-prezzijiet b'hamsa fil-mija (5%) fuq invoices futuri. Raymond Mintoff qallu biex jinforma lil ibnu Malcolm dwar dan il-ftehim izda meta ghamel dan huwa wiegbu li ried prezzijiet aktar

baxxi u huwa wiegbu li dan ma kienx possibbli, u meta qallu dan Malcolm Mintoff wiegbu li dan ma kienx possibbli. Wara ftit huma rcevew cheque datat 30 ta' Ottubru minghand Shopwise Developments Limited li hija wkoll kumpanija taghhom fl-ammont ta' sbatax-il ewro u disgha u tletin centezmu (€17.39c) li kien anness ma' remittance advice taghhom u li fuqha kitbu l-kelma 'partial' u maghha baghtu nota li tghid li bi zball kienu ghamlu zewg overpayments u li ghalhekk skont huma kien hemm biss dan l-bilanc pendenti.

Glanville jghid li ccekja u ma rrizultax li qatt kien hemm xi extra payment min-naha taghhom u dan apparti li qabdu u haltu l-kontijiet taz-zewg kumpanija taghhom cioe' Shopwise Developments Limited u Paloma Cosmetics Limited. Ic-cheque ta' sbatax-il ewro u disgha u tletin centezmu (€17.39) huma ma sarfuhx u peress li l-ammont baqa' ma thallasx kellha ssir din il-kawza.

In kontro-ezami a fol 39 et ix-xhud Joseph Glanville xehed li huma riedu profit margins iktar biex jaslu ghal hamsin fil-mija (50%) on retail u huma minbarra li kienu tawhom il-kundizzjoni normali kienu ftehmu fl-ahhar li jaghtuhom average ta' sebgha u tletin punt hamsa fil-mija (37.5%) in products biex jigu ghall-ammont li riedu huma. Huwa qabel li l-margin of profit kien ta' hamsin fil-mija (50%) on retails. Meta muri item mill-invoice ezebita 'Quantity 4 AQ 90604' u mistoqsi jekk jirrizultalux li hemm il-hamsin fil-mija (50%) profit on retail huwa ammetta li le ma kienx hemm u r-raguni hija ghax il-ftehim li kellhom kien ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) profit margin to retail u kienu tawhom b'xejn sebgha u tletin punt hamsa fil-mija (37.5%) prodotti b'xejn u li l-ammont jigi sebgha u tletin punt hamsa fil-mija (37.5%) mhux hamsin fil-mija (50%). Huwa pprezenta l-invoice fuq iz-zewg accounts li tawhom b'xejn u li minnhom skont hu jirrizulta li tawhom 37.5% fi prodotti b'xejn fuq l-invoice fuq iz-zewg accounts cioe' dak ta' kull kumpanija. Din hija sistema li kienu juzaw fuq il-kontijiet ta' qabel u huma kienu accettaw kollox u qatt ma kien hemm problemi fuq dan tant li l-pagament kien dejjem isir. Il-hamsin fil-mija (50%) on retail kien jirrigwarda ordnijiet future. Glanville xehed li huwa qabel li jaghtih hamsa fil-mija ohra (5%) ohra cioe' hamsa u hamsin fil-mija (55%) bil-kundizzjonijiet ta' qabel cioe' ta' hamsa u hamsin fil-mija (55%) u bhala

arrangament huwa kien qal lill-missieru li fil-futur kien ser jaghtih hamsa u hamsin fil-mija (55%) plus hamsa fil-mija (5%) ohra.

A fol 35 et xehed Malcolm Mintoff, Direttur fis-socjeta' attrici u General Manager tas-socjeta' Shopwise Development Limited u li l-ftehim mas-socjeta' attrici kien ta' hamsin fil-mija (50%) margin jigifieri hamsin fil-mija (50%) on selling bhala profit lejn il-kumpanija taghhom. Huwa spjega li l-invoice mertu ta' din l-kawza ma thallsitx ghax il-ftehim ma kienx ta' ghoxrin fil-mija (20%) bhal ma baghtilhom hu izda kien ta' hamsin fil-mija (50%). Huwa xehed li l-invoices kienu nkorretti ghax kienu qed jaghtuhom profitti ta' ghoxrin fil-mija (20%) minflok ta' hamsin fil-mija (50%) u li kienu halsuhom kollha bi profitti ta' hamsin fil-mija (50%) ghax l-agreement hekk kien.

A fol 46 et l-istess xhud Malcolm Mintoff permezz ta' affidavit spjega li huwa kien prezenti fin-negozjar bejn Joe Glanville u Raymond Mintoff u huma ftehmu fuq margin profit ta' hamsin fil-mija (50%) li jfisser profit ta' hamsin fil-mija (50%) fuq il-prezz li jinbiegh lill-konsumatur u bhala ezempju jghid li jekk prodott bil-VAT jinbiegh ewro (€1) lill-konsumatur il-cost price inkluz il-VAT ghaz-zewg kumpanija Paloma u Shopwise ikun ta' 1 x (50/100)= €0.50c VAT inkluz u qabel il-VAT ifisser €0.50/1.18 = €0.42c ghalhekk il-ftehim mas-socjeta' attrici kien li jekk prodott jinbiegh (RRP- Recommended Retail Price ewro (€1)) huma ftehmu li jixtruh tnejn u erbghin centezmu (€0.42c) eskluz il-VAT. Meta bdew jircievu l-invoices minghand is-socjeta' attrici dawn ma kienux jirriflettu margin ta' hamsin fil-mija (50%) kif miftiehem u peress li kienu obbligati jbieghu skont l-RRP cioe' selling price kull darba kellhom jahdmu l-invoice li kellhom jaggustaw il-cost price originali ndikat mis-socjeta' attrici biex jirrifletti il-hamsin fil-mija (50%) margin. Tkellmu u ltaqghu diversi drabi ma' Joe Glanville l-ufficcju tieghu u ta' missieru Raymond flimkien ma' nies tal-accounts u tal-inputting u spjegawlu diversi drabi u fl-ahhar qabel maghhom izda xorta l-invoices baqghu jibghathom l-istess. Huwa kellem lill-missieru u ftehmu li ghal xiri fil-futur ta' margin profit ta' hamsa u erbghin fil-mija (45%) margin u li l-invoices ta' qabel Joe Glanville kellu jonora l-ftehim li kien ghamel maghhom ta' hamsin fil-mija (50%) margin. Dakinhar huma kienu wrewh il-workings kollha u kitbu lista ta' invoices wahda wahda taz-zewg kumpaniji u wrewh id-differenzi cari ta' kemm kien qed jitlob aktar milli ftehmu fuq kull invoice u wara huwa rega qabel kollox maghhom u hadu b'idejn xulxin u hasbu li l-problema kienet solvuta. Huma kienu dejjem

jhallsu l-figuri precizi fil-hin u kienu jghidulu biex jirranga t-tahwid fl-invoices li juru li l-margin of profit kien ta' ghoxrin fil-mija (20%) biss u meta jigbor xi xoghol lura minghandhom kien jaqbel mal-credit note ta' hamsin fil-mija (50%) margin. Dan ifisser skont ix-xhud Malcolm Mintoff li meta bghatilhom il-prodott RRP hadimha li ghandhom jaghtuh tmenin centezmu (€0.80c) inkluz VAT izda meta jigbor lura l-istess prodott jahdimha li jrid jaghtihom hamsin centezmu (€0.50c) inkluz VAT. Huwa annetta mal-affidavit l-invoices kollha bil-konteggi totali tal-kumpanija Paloma Cosmetics u ta' Shopwise Developments Limited flimkien mal-konteggi tahhom mahduma skont il-ftehim u spjega li fejn hemm imnizzel zero (0) fit-totali ta' Glanville, dan jirraprezenta prodotti moghtija b'xejn mis-Socjeta' konvenuta filwaqt li mal-genb gie kalkolat il-valur tal-imsemmi prodott skont kif miftiehem u dan skont Mintoff juri d-differenza fil-valuri filwaqt li fit-total taghhom kull fejn hemm (-) ifisser li huma jkunu baghtu credit note. Huwa jghid li l-invoices sas-sena elfejn u hmistax (2015) huma kienu jhallsuhom bil-margin ta' hamsin fil-mija (50%) u kien biss fis-sena elfejn u sittax (2016) li l-invoices taz-zewg kumpaniji ma baqghux jintbaghtu skont il-ftehim izda b'rati li anqas biss jaqblu bejniethom.

Fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2020 l-istess Malcolm Mintoff meta mitlub jikkonferma li n-negozju bejn il-partijiet ilu jsir minn Novembru elfejn u hmistax (2015) huwa wiegeb li d-data preciza ma ghandux quddiemu. Huwa izda kkonferma li huma dejjem hallsu l-invoices on time bil-prezz li ftehmu. Huwa cahad li minn dawk l-invoices li hallsu huma ma naqsu xejn u spjega li huwa kienu hallsu less fifty (50) margin kif ftehmu mill-bidu sal-ahhar. Huwa cahad li din l-invoice mertu tal-kawza ma thalsitx u kkonferma li dejjem hallsu kollox in full. Huwa kkonferma li huma dejjem hallsu on time normali. Huwa xehed li xi tlett invoices minnhom is-socjeta' attrici hargithom tajjeb ghax Joe Glanville kien jaf jahdmu l-persentagg bil-less fifty (50) u huma hallsu. Wara bdew jircevu bi prezzijiet li ma kienux less fifty (50) u bdew it-telefonati u l-laqghat bejn Glanville u huma. Missieru kien ftiehem ma' Glanville bil- forty five (45) flok fifty (50) halli johrog ahjar. Huwa jichad li ndunaw b'dan li zball sentejn wara anzi xehed li minn dejjem induna u kien anke informa lil accountant meta darba hallsu bi zball fuq li statement tieghu u mhux fuq li statement taghhom.

A fol 105 fl-affidavit tieghu Raymond Mintoff xehed li huwa kien l-persuna li ftiehem ma' Joe Glanville rigward il-konsenja u hlas ta' diversi prodotti kosmetici u li dakinhar l-ftehim kien li huwa kien ser ibeghilhom l-prodotti b'hamsin fil-mija (50%) profit margin. Huwa jghid li meta kienu jircevu l-prodotti minghand is-socjeta' attrici l-impjegati taghhom kienu kemm il-darba jcemplu lil Glanville jilmentaw li l-invoices kienu qed jinhadmu hazin u mhux kif miftiehem u huwa kien dejjem jghidilhom li kien ser imur lura l-ufficcju tieghu biex jirranga l-invoices. Sadanittant huma kienu jirrangaw l-invoices taghhom skont il-hamsin fil-mija (50%) margin profit u kull darba li jordna dejjem kien ikun hemm l-istess zball. Huwa ghalhekk kien informa lil Glanville li jekk ma kienx ser jirranga l-invoices bil-mod li juru dak li ftehmu ma kienux ser jaccettaw aktar xoghol minghandu. Wara Glanville mar l-ufficcju tieghu u qallu li ma setax ikompli x-xoghol bil-persentagg li kienu ftehmu ghaliex ma kienx qed irendu u huwa qallu li kie lest jaccetta hamsa u erbghin fil-mija (45%) margin profit minn dakinhar izda l-invoices li kienu hargu kellhom jibqghu il-hamsin fil-mija (50%) margin profit u dakinhar hadu b'idejn xulxin u hasbu li kollox kien sew sakemm ircevew ittra bil-Qorti.

A fol 106 fl-affidavit taghha Nadine Schembri xhedet li hija kient involuta fl"inputting" tal-invoices fejn l-ftehim tal-kumpanija tahhom kien hamsin fil-mija (50%) margin. Kull meta kienet tircievi l-invoices minghand li storekeeper kienet tinnota li dawn ma kienux bil-hamsin fil-mija (50%) margin kif miftiehem. Joe Glanville kemm il-darba mar l-ufficcju bil-ghan li jigu mhallsa d-differenzi wara li huma kienu joqghodu jispjegawlu x'kien hemm hazin u huwa kien jaqbel u jghidilhom li kien ser jirranga dan l-izball izda xorta baqa' ma rrangax l-invoices u meta gara hekk kienu qalulu li ma jistghux jibqghu jixtru jekk ser jibqa jibghat l-invoices hziena u minflok kien baghtilhom xi prodotti b'xejn li jaghmel tajjeb ghall-ammont zejda mizmuma minnu izda dawn il-prodotti xorta wahda ma kienux qed jaghmlu tajjeb fis-shih ghal ammonti dovuti.

Ra d-dokumenti kollha esebiti u n-nota tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.

Ikkonsidra ulterjorment

Li n-negozju bejn il-partijiet kien ilu jsir sa mis-sena elfejn u hmistax (2015) u dan jirrizulta mid-dokumenti ezebiti mis-socjeta' konvenuta stess u li ghajr l-invoice tal-04 ta' Mejju 2017 ( fol 23) ma kienx hemm kontestazzjoni.

Il-verzjoni tas-socjeta' attrici hi li l-hamsin fil-mija (50%) profit margin anzi l-hamsa u erbghin fil-mija (45%) ghax hekk ftiehem ma' Raymond Mintoff wiehed mid-Diretturi beda japplika wara l-hrug ta' din l-invoice mertu ta' kawza filwaqt li l-verzjoni tas-socjeta' konvenuta hija li l-hamsin fil-mija (50%) profit margin kien hemm mil-bidu ta' dan in-negozju maz-zewg partijiet u li minhabba li s-socjeta' attrici naqset minn dan il-ftehim meta baqghet ticcargjaha bi ghoxrin fil-mija (20%) profit margin, hija ma ghandha thallas xejn ghax dan l-ammont thallas.

Kif jispjega Malcolm Mintoff fl-affidavit tieghu, dan ifisser li jekk oggett jiswa ewro (€1) ghall-konsumatur, hija kellha tigi ccargjatha ghalih tnejn u erbghin centezmu (42c) eskluz il-VAT jew hamsin centezmu (50c) VAT inkluz (€1 x 50/100 = 0.50c VAT inkluz) jew (€0.50 /1.18 =42c VAT eskluz).

Illi ghalhekk dan it-Tribunal ghandu quddiemu zewg verzjonijiet konfliggenti u li biex jasal ghad-decizjoni tieghu jrid jifli l-provi kollha ezebiti u japplikahom ghal principji dwar l-apprezzament tal-provi fil-kamp civili.

Illi dwar provi fil-kamp civili jigi rilevat li:

Fil-kamp civili, ghal dak li hu apprezzament tal-provi, l-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili.

Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku t'azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil- kamp kriminali, fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli."

In oltre, kif gie affermat fis-sentenza fl-ismijiet: **Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et** deciza nhar il-hamsa w ghoxrin (25) t'April 2002 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili:-

*"Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli."*

Ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju determinanti m'huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja (**Borg vs Bartolo–** Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju 1980). Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f'mohh il- gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanc ta' probabilitajiet (**Caruana vs Laurenti** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 8 ta' April 1994 ; **Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 17 ta' Lulju 1981; **Vassallo vs Pace** - Vol.LXX.II.144 u **Zammit vs Petrococchino** – Appell Kummercjali – 25 ta' Frar 1952).

Illi mill-provi jirrizulta s-segwenza tal-fatti:

L-invoice mertu tal-kawza hija datata 04 ta' Mejju 2017 fol 24.

A fol 27 jirrizulta li s-socjeta' konvenuta ndunat li hallset extra lis-socjeta' attrici elf tmien mija hamsa u tletin ewro u sebgha u sebghin ewro (€1,835.77c) u ghalkemm din hija bla data dan gara fit-30 ta' Ottubru 2017 meta s-socjeta' konvenuta baghtet cheque ta' sbatax-il ewro u disgha u tletin centezmu (€17.39c) bil-bilanc dovut meta skont fol 27 hija stess tammeti li hallset extra lis-socjeta' attrici sitt mija sebgha u tmenin ewro u sitt centezmi (€687.06c) huma dovuta lis-socjeta' attrici u elf mija u sitta u sittin ewro u ghaxar centezmi (€1,166.10c) huma dovuta lis-socjeta' Paloma Cosmetics Limited kawza numru 248/2018AM u ghalhekk li baqa' dovut ghaz-zewg invoices huwa bilanc ta' sbatax-il ewro u disgha u tletin centezmu (€17.39c) u effettivament is-socjeta' konvenuta harget cheque lis-socjeta' attrici b'dan il-bilanc.

Dan huwa korroborat ukoll mid-dokument a fol 51 ezebit minn Malcolm Mintoff ghas-socjeta' konvenuta li jirrizulta minnu dak spjegat hawn fuq cioe' li l-overpayment is-

socjeta' attrici indunat bih biss meta hargu dawn iz-zewg invoices t-tnejn datati 04 ta' Mejju 2017 wahda lis-socjeta' konvenuta u l-ohra lis-socjeta' Shopwise Developments Limited. Huwa minnu li mill-atti jirrizulta li is-socjeta' attrici ghaddiet xi prodotti prodotti b'xejn u li skond Joseph Glanville ghas-socjeta' attrici dan sar biex ikollhom sebgha u tletin punt hamsa fil-mija (37.5%) prodotti b'xejn izda dawn l-invoices li gew ezebiti mill-istess Glanville a fol 54 u 55 tal-kawza numru 248/2018 AM jirrizulta li dan sar fis-27 t' April 2017 (invoice no 00262084) u fl-04 ta' Mejju 2017 (invoice no 00262125) u li ghalhekk dan kollu jikkorrobora l-verzjoni ta' Joseph Glanville ghas-socjeta' attrici meta xehed li l-ftehim ta' hamsin fil-mija (50%) profit margin qatt ma kien fis-sehh sakemm harget din l-invoice mertu tal-kawza. Inoltre jigi rilevat ukoll li hija verzjoni wisq in verosimili li s-socjeta' konvenuta taccetta li jitnaqsilha l-profit margin minn hamsin fil-mija (50%) ghal hamsa u erbghin fil-mija (45%) kieku verament kien hemm ftehim minn dejjem ezistenti bejn il-partijiet kif tikkontendi s-socjeta' konvenuta cioe' dak ta' hamsin fil-mija (50%) profit margin.

Illi anke kieku verament dan it-Tribunal kellu jaghti ragun lis-socjeta' konvenuta, s-socjeta' konvenuta ma setghet qatt minn rajha taqbad u taghmel tpaccija billi tnaqqas mill-kont dak li skont hi hallset zejjed u dan stante anke dak li gie dejjem ritenut li fir-rigward djun li joqtlu lil xulxin jehtieg li jintwera "l'autonomia dei contrapposti rapporti di credito". Ghalhekk il-ligi trid li jkun hemm zewgt idjun separati, u mhux rapport wiehed li minnu jitnisslu pretenzjonijiet reciproci tal-partijiet. Kemm hu hekk inghata b'awtorita interpretattiva li "La compensazione suppone l'autonomia dei rapporti ai quali i debiti delle parti si riferiscono con la conseguenza che quando si tratti invece din un unico rapporto di rappori accessori la controversia si traduce in u n accertamento di dare e avere e cioe' in una sorta di complesso conteggio apropposito del quale non puo' parlarsi di compensensazione in senso tecnico." **Vide Kawza Prim Awla per JZM kawza numru 531/2011 fl-ismijiet: Francis Felice et vs Anthony Pisani.**

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jordna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u erbgha ewro u tmienja u tletin centezmu (€804.38c) flimkien mal-imghax kummercjali

mis-27 ta' Gunju 2017 (cioe' 60 days from invoice date kif jirrizulta minn l-istess invoice a fol 23) sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez a karigu tas-socjeta' attrici.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**